# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001 .

## Citazzjoni numru : 170/99G1(PC)

**Gaps Spares and Services Limited .**

**vs**

**Visage Limited .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ippremettiet :**

**Illi Visage Limited permezz ta' citazzjoni numru mitejn tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (200/1998 G1 – PC) fl-ismijiet "Visage Limited versus Gaps Spares and Services Limited" iprezentata quddiem dina l-Qorti kontra r-rittrattanti wara li ppremettiet falzament li hija kreditrici tal-istess Gaps Spares and Services Limited fis-somma ta' hamest elef, mija u tmenin lira maltin u tlieta u hamsin centezmu (LM5180.53) prezz ta' medicinali, toiletries u oggetti ohra affini, mibjugha u kkonsenjati lill-istess socjeta konvenuta mis-socjeta' attrici; li s-socjeta' konvenuta baqghet morusa fil-pagament u inadempjenti minkejja li giet interpellata diversi drabi ghal dan il-fini; u li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut; talbet li l-istess socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mija u tmenin lira maltin u tlieta u hamsin centezmu (LM5180.53) fuq imsemmija, prezz ta' medicinali, toiletries u oggetti ohra affini, mibjugha u kkunsenjati lill-istess socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici ;**

**Illi permezz ta' sentenza taghha tal-ewwel ta' Gunju elf disa' mija u disgha u disghin moghtija fl-ismijiet premessi, din il-Qorti fil-kontumacja tar-ritrattanti laqghet it-talba ta' Visage Limited fuq imsemmija .**

**Illi l-imsemmija sentenza giet moghtija minn Qorti li m'ghandhiex gurisdizzjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' paragrafu (a) tal-artiklu 741 tal-Kap 12; billi r-tirattant, f'dik il-kawza konvenut, minn dejjem kien u ghadu jirrisjedi fil-gzira ta' Malta u qatt ma kellu r-residenza tieghu fil-gzira ta' Ghawdex; u billi wkoll l-esekuzzjoni tal-pretiz kuntratt kienet kollha kemm hi fil-gzira ta' Malta ;**

**Illi bla pregudizzju ghall-premessa precedenti, is-sentenza fuq imsemmija giet ottenuta permezz ta' qerq da parti ta' Visage Limited bi pregudizzju ghas-socjeta' ritrattanti; billi bbazata fuq premessi u provi inveritjeri u ghal kollox foloz; billi r-ritrattanti gie indott mid-direttur ta' Visage Limited biex jibqa' kontumaci billi infurmah, falzament, illi l-kawza fuq imsemmija kienet sejra tigi ceduta kif jidher bl-iktar mod car mid-dikjarazzjoni tal-fatti ta' din ic-citazzjoni; kif ukoll billi giet imqarrqa l-Qorti li ma nghatatx opportunita' li tiga a konjizzjoni tal-elementi kostruttivi tal-fatt li a bazi tieghu ghaddiet ghall-pronunzjament taghha ;**

**Illi r-rittrattant sar jaf bis-sentenza msemmija biss meta gie notifikat b'ittra ufficjali minn Visage Limited wara li kien ghadda t-terminu tal-appell ;**

**Illi ghalhekk hemm lok li l-kawza msemmija tigi ritrattata skond ma hemm preskritt fl-Artikolu 811 (a) u 811 (d) ta' Kap. 12 .**

**Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:**

1. **Tirrevoka u thassar is-sentenza fuq imsemmija kif ukoll kull att relattiv u sussegwenti ghaliha a tenur tal-artikolu 811 (a) u 811 (d) ta' Kap 12; u**
2. **Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza u tichad it-talba kontenuta fic-citazzjoni promotrici tal-istess kawza bl-ispejjez kollha taz-zewg kawzi kontra s-socjeta' ritrattata u bl-ingunzjoni taghha ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Falzon .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi:**

1. **Il-preskrizzjoni ta' tlett xhur a tenur tal-artikolu 818 (1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili .**
2. **Illi ghar-rigward tal-kawzali bbazata fuq l-artikolu 811 (a) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u procedura civili, ma jirrizulta ebda qerq . L-attur ammetta li huwa gie notifikat bl-atti kollha tal-**

**Qorti li taw lok ghas-sentenza, huwa naqas li jikkonsulta ruhu ma' avukat u li jikkontesta t-talba .**

3. **Illi l-kawza bbazata fuq l-artikolu 741 (9) ma tapplikax ghaliex dik l-eccezzjoni tirrigwarda inkompetenza minhabba li l-kawza ma tkunx ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta . Is-sentenza li qeghda tigi ritrattata hija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri li hija Qorti ta' Malta .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' konvenuta kkonfermata bil-gurament ta' Serge Pascal Natoli .**

**Rat l-atti tal-kawza citazzjoni Numru : 200/1998 fl-ismijiet inversi li giet deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Gunju 1999 u li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni permezz tal-proceduri prezenti .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din hija kawza fejn qed tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawza ohra li nqatghet b'mod definittiv u ma kienx hemm appell minnha . Fid-'Diritto Processuale Civile' tas-serie 'Manuali Giuridici' (Edizione Guridiche Simone- 2000) fil-kapitolu 4 li jittratta "La revocazione" pag. 411, insibu spjegat illi :**

***"La revocazione costituisce un mezzo di impugnazione limitato a singole ipotesi tassattivamente indicate all'articolo 395 c.p.c. Essa e' fondata sulla esistenza di particolari circostanze che, se fossero state conosciute dal giudice, avrebbero portato ad un giudizio diverso " .***

**Il-Qrati taghna kellhom diversi opportunitajiet jippronunzjaw ruhhom dwar kif ghandha tigi ttrattata kawza simili . Fl-Appell Civili : "Kontrollur tad-Dwana vs. Michael Zammit et. deciza fil-5.6.1985 (Kollez. Vol. LXIX. Pt. II. p. 220 et. seq.) gie mfisser illi :**

***"L-artikolu 814 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili*** **(illum l-artikolu 811)** ***jiddisponi illi 'kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' Appell, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin ….' u l-artikolu 823*** **(illum 820)** ***jghid illi (1) meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tigi milqugha bit-thassir tas-sentenza appellata, il-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-mertu fl-istess gurnata jew f'ohra li tiddestina l-Qorti u (2) izda fuq talba ghar-ritrattazzjoni ghandha tinghata dejjem sentenza separata ;***

*Jidher car mill-imsemmija kliem ta' l-Artikoli ccitati illi l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg skopi, jigifieri dak li tigi annullata sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dak li terga' tiftah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza . Ghalhekk il-gudizzju tar-ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stadji wiehed differenti mill-iehor maghrufin fid-dottrina bhala "il rescindente" u "il rescissorio".*

*Il-ligi ghalhekk trid li qabel xejn tigi mhassra jew revokata in toto s-sentenza impunjata billi minghajr dan it-thassir totali mhux possibbli li l-kawza tigi ttrattata mill-gdid . Huwa biss wara li jkun sar dan li tista ssir it-trazzazzjoni l-gdida tal-kawza billi sakemm dan it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun ta' ostakolu ghar-riezami tal-kawza (Qorti ta' l-Appell, Neg. Paolo Borg vs Neg. Francis Grech et 27 ta' Gunju 1949, Kollez. Dec. Vol. XXXIII. I. 754) …."*

**L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta tirrigwarda l-preskrizzjoni ta' tliet xhur imsemmi fl-artikolu 818(1) tal-Kap. 12 sabiex tkun tista' ssir it-talba ghar-ritrazzazzjoni . Peress illi din it-talba hija in parti bbazata fuq il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 811, dan iz-zmien ghandu jibda jghodd *"mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza"*. Fil-kaz in ezami Joseph Falzon ghan-nom tas-socjeta' attrici qed jinsisti illi huwa sar jaf biss bil-qerq tas-socjeta' attrici meta rcieva ittra ufficcjali minghandha sabiex ihallas l-ispejjez tal-kawza (citaz. nru. 200/1998 fuq imsemmija) flimkien mas-sorte . Din l-ittra ufficjali, li kopja taghha tinsab esebita bhala "Dok. 16" a fol. 24 tal-process turi mit-timbru li kienet giet ipprezentata fis-17 ta' Lulju 1999, u ghalhekk ma setghetx giet notifikata lis-socjeta' konvenuta fl-indirizz taghha f'Malta qabel l-ghada . Ic-citazzjoni odjerna giet intavolata fit-18 ta' Ottubru 1999 u ghalhekk precizament entro t-terminu ta' tliet xhur stipulat mil-ligi . Din l-eccezzjoni hija ghalhekk respinta .**

**Bit-tielet eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta tikkontendi illi l-artikolu 741(a) tal-Kap. 12 li fuqu wkoll tibbaza l-azzjoni taghha s-socjeta' attrici ma japplikax ghall-kaz in ezami billi dak is-subartikolu jittratta kawzi li ma jaqghux taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati maltin . Kif tajjeb insistiet is-socjeta' konvenuta f'din l-eccezzjoni taghha, is-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni giet moghtija minn din il-Qorti li indubbjament hija wahda mill-Qrati ta' Malta . Sa fejn ghalhekk il-kawza prezenti hija bbazata fuq din ir-raguni zgur li ma tistghax tirnexxi .**

**Jibqa' ghalhekk sabiex tigi ezaminata l-kawzali bbazata fuq l-artikolu 811(a) tal-Kap. 12, u cioe' *: "jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra;"*. Dwar l-articolo 395 n. 1 tal-Codice Procedura Civile taljan vigenti, identiku ghal dan is-subartiklu tal-ligi taghna, issibu jinghad illi :**

*"Il dolo procesuale revocatorio non si esaurisce nel semplice mandacio o in false allegazioni ovvero in quegli accorgimenti (ad. es. il silenzio sull'esistenza di un fatto sopravvenuto nel corso del giudizio) per mezzo dei quali la parte stima di poter vincere la lite, ma deve consistere, perche' possa servire di base ad una pronuncia di revocazione ex art. 395 c. p. c., in un raggiro subiettivamente diretto ed obiettivamente idoneo a paralizzare la difesa dell'avversario e ad impedire al giudice l'accertamento della verita' (Cass. n. 4833 del 3-5-1991)"*, **(op. cit. pag. 412-413) .**

**Fil-kaz in ezami nsibu li qed jigi allegat mis-socjeta' attrici illi din giet imqarrqa minn Serge Natoli, direttur tal-kumpanija konvenuta, meta dan gie avvicinat minn Joseph Falzon wara li rcieva c-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh tal-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, li huwa kien ser jirranga kollox, li l-kawza kienet saret biss ghax ma kienx irnexxielu jikkomunika mieghu bit-telephone, u li ma kellux allura ghalfejn jidher il-Qorti fid-data appuntata ghas-smiegh . Infatti is-socjeta attrici odjerna baqghet ma wegbitx b'nota ta' l-eccezzjonijiet ghal dik il-kawza, u nghatat sentenza fil-kontumacja taghha .**

**Is-socjeta' attrici fin-nota ta' referenzi taghha tat-13 ta' Marzu 2001 ticcita zewg sentenzi tal-Qrati taghna fejn ic-cirkostanzi kienu prattikament identici ghal dawk prezenti .**

**Fil-kaz "Giorgio Zahra vs Aristide Parthensis –Corte di Commercio di Sua Maesta' 31.3.1894; Kollez.Vol. XIV p. 219, insibu jinghad illi:**

***"Considerando che l'attore fa consistere il dolo in questo, che la causa suddetta fu, prima della sentenza, definita con una transazione seguita tra lui ed il convenuto; che questi si era obbligato a rinunziare agli atti della causa, e che, invece di fare la promessa cessione, all'insaputa e in contumacia di lui, ottiene la sentenza …;***

***Che secondo la Legge la ritrattazione ha luogo, fra altri casi, quando la sentenza e' stata l'effetto del dolo di una delle parti a danno dell'altra .***

***Che il dolo, siccome e' causa della nullita' di una convenzione quando i raggiri usati da uno dei contraenti sono stati tali che, senza di essi, l'altra parte non avrebbe contrattato, cosi' da' ingresso al rimedio di ritrattazione, allorche' i raggiri usati da una delle parti sono stati tali che, senza di essi, la altra parte non sarebbe stata condannata …" .***

**Hekk ukoll fil-kaz l-iehor iccitat : "Giovanni Xuereb vs. Giuseppe Vella" – Corte d'Appelo 22.4.1929; Kollez. XXVII. i. 813), insibu illi:**

*"Atteso che l'appellante fa consistere il dolo adoperato dall'appellato nelle circostanze di averlo questi assicurato che la causa sarebbe stata ceduta e che pertanto non occoreva che esso appellante comparisse e di essersi in conseguenza di tale assicurazione esso appellante tenuto contumace, venendo la causa decisa in contumacia anziche' ceduta, senza che l'appellato avesse avuto l'opportunita' di difendersi ;*

*Attesoche tali circostanze se provate, costituiscono senza dubbio il dolo praticato da una delle parti litiganti contro l'altra, e che secondo le disposizioni dell'articolo 828, no. 1 e' motivo di ritrattazione della causa ;*

*Atteso che, sebbene tale motivo di ritrattazione sia affermato dalla sola deposizione giurata dell'appellante, purtuttavia la stessa deposizione non e' stata in alcun modo contradetta dall'appellato, il quale, pur potendo meglio di ogni altro negare l'affermazione dell'appellante, si e' astenuto dal deporre in prima istanza o dall'offrire la sua deposizione in questa sede, nonostante che sia stato a cio' sfidato dallo appellante nella sua petizione … ".*

**L-istess fil-kaz in ezami naraw illi dak li gie ritenut minn Joseph Falzon, martu u Rosa Zammit Salinos li l-affarijiet kellhom jitrangaw, ma gie bl-ebda mod kontradett mill-kontro-parti li kellha kull opportunita' li taghmel il-kontro-ezami tax-xhieda prodotti u taghti l-verzjoni taghha dwar dak li kien qed jigi allegat, imma dan baqghet m'ghamlitux . Anzi l-atti processwali ta' dik il-kawza, u senjalament il-verbal tal-15 ta' Dicembru 1998, fejn dik il-kawza kienet giet differita ghall-probabbli cessjoni, jkomplu jsahhu t-tezi tas-socjeta' attrici .**

**F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita mill-veracita' ta' dak li qed isostnu x-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici, li genwinament fehmu li ma kellhomx ghalfejn jikkontestaw il-kawza in kwistjoni ghax Serge Natoli kien ser jirranga kollox . Ghalhekk u in vista tal-gurisprudenza kkwotata, l-Qorti hija sodisfatta illi s-sentenza in kwistjoni giet ottenuta b'qerq fil-konfront tas-socjeta attrici odjerna .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-ewwel stadju ta' dawn il-proceduri billi :**

**(i) tilqa' l-ewwel talba u thassar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-1 ta' Gunju 1999, fil-kawza Citazzjoni numru 200/1998 fl-ismijiet : "Visage Limited versus Gaps Spares and Services Limited", kif ukoll kull att relattiv u sussegwenti ghaliha, u dana a tenur tal-artiklu 811(a) tal-Kap. 12; u**

**(ii) tilqa' wkoll l-ewwel parti tat-tieni talba u tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza imsemmija .**

**L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S17099Pc